MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 585/1999/1

**Atlas Insurance Agency Ltd. u dina in rappresentanza tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance PLC kif surrogate fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Carmelo Gauci Ltd. u b'nota tal-4 ta' Jannar 2000, il-kliem Guardian Royal Exchange Assurance plc jogi sotitwiti bil-kliem AXA Insurance plc abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi**

**Vs**

**The Cargo Handling Company Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lil-istess socjeta' attrici nomine s-somma ta' Lm318.70 tlett mija u tmintax-il lira u sebghin centezmu, inkluzi l-ispejjes tas-surveyor, bhala d-danni sofferti minnu li ghalihom hija responsabbli s-socjeta'

konvenuta u dan stante li huma unikament responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat riportati fl-istess merkanzija u dana wara li tiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament responsabbli ghall-hsarat/nuqqasijiet kagjonati fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur li waslu fuq il-vapur Kaptan Hilmi III fil-27 ta' April 1998.

Bl-imghax legali mid-data tal-pagament mill-attur nomine lill-assigurat tieghu u bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 4 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett :-

1) Illi preliminarjament, ghandu jigi ppruvat li n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici sehhew waqt illi l-merkanzija mertu tal-vertenza odjerna kienet fil-kustodja u taht il-kontroll assolut u s-supervizjoni tas-socjeta' konvenuta u li l-istess merkanzija giet ikkonsennjata lis-socjeta' konvenuta ezenti mill-istess nuqqasijiet;
2) Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' konvenuta m'hijiex responsabbli ghan-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici stante li hija qdiet l-obbligi kollha imposti fuqha mill-ligi;
3) Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni dedott fic-citazzjoni attrici huwa eccessiv u ghaldaqstant ghadu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont;
4) Illi fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ebda imghax ma hu dovut stante li s-socjeta' konvenuta qatt ma giet interpellata biex thallas ebda ammont ta' danni, u li siccome din si tratta ta' kawza ta' danni, il-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut tigi determinata bis-sentenza finali;
5) Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet attrici, il-kwantu diretti kontra s-socjeta' konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu rispinti bl-ispejjes kontra is-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-istess nota tal-eccezzjonijiet (fol 5 ibid) kif ukoll il-lista tax-xhieda a fol 6 ibid.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici nomine (fol 9 ibid) u li biha gew sostitwiti l-kliem "Guardian Royal Exchange Assurance plc" bil-kliem "AXA Insurance plc".

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tas-socjeta' attrici nomine, gew prodotti is-segwenti provi, in sintesi :-

a) Lucienne Cini (fol 15 et seq ibid) spjegat, illi l-"Marine claim section" tas-socjeta'attrici kienet irceviet "claim" minghand is-socjeta' "Carmelo Gauci Limited" in konnessjoni mal-merkanzija in ezami konsistenti f'"chip board" u li giet impostata f'Malta, fuq il-vapur, "Hilmi", fis-27 ta' April 1998. In rigward l-istess merkanzija konsistenti f'wiehed u ghoxrin (21) "pallet", l-istess "claim" kienet tirreferi ghal "bundle" wiehed kif ukoll tnejn u ghoxrin (22) "boards" li kienu dannegjati. L-istess xhud kompliet tghid illi f'dan il-kaz, trattasi ta' "small claim" ma kienx sar "survey" u l-ammont pretiz fl-avviz kien thallas, bhala rizarciment, b'surroga, lis-socjeta' assikurata msemmija. Ix-xhud esebiet diversi dokumenti (fol 17 sa fol 26 tal-atti) izda rreferiet ghal wiehed, biss, fix-xhieda taghha, cioe' il-"bill of lading" minn fejn jidher illi, fuq l-imsemmi vapur kienu ittellghu wiehed u ghoxrin palette (ara fol 20 tal-atti) deskritti bhala "clean on board"

b) Edmond Darmanin (fol 29 ibid) spjega illi a bazi tal-"gate pass out" numru 36895 mahrug mill-Awtorita' Marittima ta' Malta fil-5 ta' Mejju 1998 (ara fol 24 ibid) kienu inhargu mill-port ghoxrin (20) "bundles" b'wiehed minnhom bi hsara ossia dsatax-il (19) bundle integri u wiehed iehor dannegjat.

c) Victor Grupetta (fol 27 u fol 32 et seq ibid) xehed dwar ir-"release order" li inharget f'dan il-kaz, mid-Dwana, liema document jinsab anness (a fol 22 u a fol 31 ibid). Dan ix-xhud spjega illi l-original ta' dan id-dokument ("release order" numru 96652) ma setax jigi rintraccjat u

ghalhekk xehed a bazi taz-zewg fotokopji annessi mal-atti. Hu, hekk spjega, li l-ufficjal involut fir-rilaxxi tal-merkanzija in kwistjoni kien Salvino Falzon. In oltre u a bazi tal-istess dokument u tal-“endorsement” fuq in-naha ta’ wara jidher illi suppost, kien hemm wiehed u ghoxrin (21) “bundle”, sabiex jigu konsenjati lis-socjeta’ assikurata izda kienu gew rilaxxati, mid-Dwana lokali, ghoxrin (20) “bundle” biss. Fl-ahhar nett tax-xhieda tieghu, hu spjega illi merkanzija bhal dik in esami titpogga “…… mat-tinda jew taht it-tinda” fejn tkun, skond l-istess xhud, taht il-kontroll tas-socjeta’ konvenuta.

d) Brian Gatt f’isem is-socjeta’ “Palm Shipping Agency Ltd” esebixxa vera fotokopja ta’ “tally sheet” numru 2590 (fol 40 sa fol 45 ibid). Kif ukoll kopja tar-rapport tar-rapprezentant tal-istess socjeta’ “….. li kien presenti meta kien qed jinhatt il-vapur” (fol 46 ibid). In rigward, il-merkanzija in kwistjoni, kien hemm dikjarat, fuq il-manifest tal-vapur illi kien hemm wiehed u ghoxrin (21) “bundle” ghas-socjeta’ assikurata (ara fol 40 sa fol 45 ibid) kull fejn hemm indikat “Gaucar”) pero’ kienu instabu biss ghoxrin (20) immarkati hekk. Hawnhekk hu semma’, ukoll, illi fost il-merkanzija globali kien hemm tlett (3) “bundles” minghajr ebda marka. Dwar id-dokument a fol 46 ibid, li skond dan ir-rapport gja msemmi kien hemm ghoxrin (20) “bundle” ta’”chipboard” appartenenti lill-istess ditta assikuarata. Pero’, hu qal, testwalent, li “meta inhatt il-vapur fil-fatt kien hemm qbil dwar l-ammont globali u ghalhekk inhattu 581 bundles” ta’ “chip board”.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tas-socjeta’ konvenuta, gie prodott Peter Bonello (fol 62 et seq ibid) li sostna li a bazi tal-istess “tally sheets” esebiti minnu a fol 65 et seq ibid u kif mmarkati b”highlighter”, u li saru konguntivament bejn is-socjeta’ konvenuta u l-agent tal-vapur ossia “Palm Shipping Agency Limited’, jidher illi, effetivament, kienu inhattu minnu fuq l-istess vapur ghoxrin (20) “bundle” ta’ “chipboard” vis-à-vis is-socjeta’ assikurata. In oltre fuq l-istess “tally sheets” ma hemm ebda rimarka li l-istess merkanzija kellha “…… xi hsara jew danni”. Pero’ hu semma ukoll, li skond il-“gate pass out” gja msemmi u

ffirmat kemm mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta kif ukoll minn dik tal-istess socjeta' assikurata hemm indikat li "bundle" wiehed kien dannegjat. Dwar dan il-punt l-istess xhud semma li bejn id-data tal-imsemmija "tally sheets" u dik fuq il-"gate pass out" cioe' bejn is-27 ta' April 1998 u l-5 ta' Mejju 1998, din il-merkanzija kien taht il-kustodja tas-socjeta' konvenuta u tad-Dwana. L-istess xhud kompla jghid illi effetivament kien hemm "bundle" iehor minghajr marka u dwar dan kien sar "outer report". Dwar l-istess "bundle" kien sar "cargo receipt" li intbghatet lill-agent tal-vapur imsemmi. Dan id-dokument jinsab a fol 75 ibid u minnu jidher li in rigward "21 pallets chipboard" vis-à-vis "Carmelo Gauci" kien hemm "delivered 20 pallets – 1 pallet still in shed" u li l-istess dokument hu datat it-22 ta' Gunju 1998".

Ikkunsidrat

Illi mill-assjiem tal-provi kif hawn fuq esposti jidher li:-

a) Ma hemm ebda ammont dovut mis-socjeta' konvenuta in konnessjoni ma "survey" kif mitlub fl-avviz in ezami in vista li f'dan il-kaz ma sar ebda "survey" u b'hekk, fi kwalunkwe kaz, l-ammont mitlub, fl-istess avviz, li fih hemm "…… inkluzi l-ispejjes tas-"surveyor" ghandu caso mai, jigi mnaqqas.

b) Mill-istess provi jidher li minn fuq il-vapur kienu nhattu, biss, ghoxrin (20) "bundle" mmarkati bl-isem ta' Kodici kif hawn fuq imsemmi waqt li seta' kien hemm iehor mhux mmarkat li presumibilment kien ukoll appartenenti lis-socjeta' assikurata u aventi, bhala konenjatarju lill-istess ditta agent tal-vapur, liema "bundle" kien ghadu f'shed minn tnejn (2) f'Gunju 1998. Dwar dan il-"bundle" il-Qorti ma tarax li tista' tigi akkolata xi responsabilita' kemm fuq bazi legali kemm fuq bazi ta' fatt lis-socjeta' konvenuta u dan in vista ,li ma jistax jigi kkunsidrat bhala "nieqas" (ara ghal kull buon fini l-ittra esebita a fol 25 minn fejn jidher li s-socjeta' assikurata rretjeniet lill-imsemmi agent bhala "fully responsible".

c) Pero', jidher ukoll, illi waqt li l-istess merkanzija kienet fil-kustodja tas-socjeta' konvenuta, kienu gew kawzati xi danni fl-istess merkanzija specifikatament f'"bundle" wiehed ossia tnejn u ghoxrin (22) bicca u ta'

dan il-fatt, ir-responsabilita' ghandha tigi akkaolata lill-istess socjeta' konvenuta.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dwar dawn id-danni, ma ingiebet ebda prova dwar il-"quantum", u ghalhekk il-Qorti ser tagixxi arbitro boni viri" u tnaqqas l-ammont pretiz bin-nofs (1/2), liema riduzzjoni tinkludi, ukoll dak li seta kien mitlub bhala "survey fee". Ghalhekk il-Qorti tirritjenili l-ammont mitlub ghandu jigi ridott ghal Lm159.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' "in parte" it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lil dik attrici nomine s-somma ta' Lm159 bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sa dik tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes, dawn ghandhom jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------